**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**Spettur Christabelle Chetcuti**

**vs**
**Alvin Pullicino**

**Distrett Zabbar**

**Illum 20 ta' Jannar, 2021**

Il-Qorti;

Rat lil Alvin Pullicino,

Akkuzat talli fis-27 ta' Frar, 2017 ghall-habta tal-16:30 hrs gewwa Haz-Zabbar:

1. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Michelle Camilleri.

2. Volontarjament qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.

3. Bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Michelle Camilleri biza' li se tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghha.

4. Saq vettura ta' ghamla Toyota Corolla b'numru ta' registrazzjoni CBI 945 b'manjiera traskurata u/jew perikoluza u/jew bla kont.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tiskwalifika lil hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skond it-termini tal-Artikolu 15(4) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Michelle Camilleri skont it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' affidavit ta' PS 624 K. Mallan, current incident report datat 27 ta' Frar, 2017, current incident report datat 27 ta' Frar, 2017, 6 pagni b'ritratti.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' Michelle Camilleri.

Semghet ix-xhieda tad-Difiza u cioe' lil Gavin Spagnol u Kurt Buhagiar.

Iill-imputat Alvin Pullicino jixhed b'mod volontarju fil-prezenza tal-Avukat difensur tieghu.

Rat illi permezz ta' digriet tal-Prim Imhallef Onor Joseph Azzopardi, datat 16 ta' Lulju, 2018, din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

**PS 624 K. Mallan,** jghid li fis-27 ta' Frar, 2017 ghal habta tal-17:00 hrs irraporta gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar, certu Alvin Pullicino li kien ghadu kif kellu argument ma oht l-ex tfajla tieghu, Michelle Camilleri. Alvin Pullicino spjega illi hu ghandu tifla li jisimha Zalaya flimkien mal-ex tfajla tieghu, Chantelle Debono. Fis-27 ta' Frar, 2017 ghal habta tal-16:30 hrs huwa ra lit-tifla tieghu Zalaya fil-karozza ma' Michelle Camilleri gewwa Haz-Zabbar u ghalhekk ghamel sinjal lil Michelle Camilleri sabiex tieqaf f'genb biex ikun jista' jkellem lit-tifla tieghu. Michelle Camilleri waqfet f'genb izda jekk kif mar mal-vettura taghha, hija qabdet u saqet bil-konsegwenza li ghaddiet bil-vettura taghha minn fuq il-pala ta' sieq Alvin Pullicino u laqtitlu idu l-leminija. Ghalhekk, Alvin Pullicino gie gwidat sabiex jghamel certifikat mediku tal-griehi li kien sofra. Il-Pulizija ppruvat tghamel kuntatt ma Michelle Camilleri izda rrizulta li nel frattemp kienet qed tghamel rapport hija stess fuq l-incident in kwistjoni gewwa l-Ghassa taz-Zejtun. Hija marret l-Ghassa ma ohtha Chantelle u nfurmat lill-pulizija li waqt li kienet quddiem il-hanut 'Xelinu' gewwa Haz-Zabbar, Alvin Pullicino, missier it-tifla t'ohtha Chantelle waqqafha bil-vettura u beda jsuq ghal warajha tul diversi toroq. Hija spjegat li Alvin Pullicino gie ma zewg guvintur ohra b'vettura bajda tat-tip Toyota li ghaddew wrong way sabiex iwaqfuha. Alvin Pullicino nizel mill-vettura u qal lil Michelle li kien hemm guvni mieghu li xtaq ikellem lit-tifla t'ohtha u ghalhekk Michelle bezghet li Alvin kien se jipprova jiehu lit-tifla t'ohtha u qabdet u saqet minn fuq il-post. Tghid li saqet fid-direzzoni tal-Maxims u kif waslet vicin il-hanut, Alvin irnexxielu jaqbiza u jimblukkala t-triq. Alvin nizel mill-vettura tieghu u beda jidghi, jghajjat u jsabbat idejh fuq il-vettura ta' Michelle Camilleri. Michelle rnexxiela tahrab minn fuq il-post u sahansitra ghaddiet wrong side u minn fuq lights homor izda tul it-triq, Alvin rega' rnexxielu jilhaqha u jimblukkala t-triq. Michelle, izda rnexxielha tiskapulah u saqet lejn Zabbar Road. Minn hawn l'hemm Alvin Pullicino ma baqax isegwiha. Alvin Pullicino pproduca certifikat mediku fejn irrizulta li kien qed isofri minn griehi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet. Iz-zewg partijiet, cioe' Alvin Pullicino u Michelle Camilleri gew infurmati sabiex ma javvicinawx lil xulxin, izommu l-kwiet u paci pubblika, filwaqt li gew infurmati li kienu se jinhargu akkuzi fil-konfront ta' xulxin.

**Michelle Camilleri**, tghid li hija tigi oht l-eks tfajla ta' Alvin Pullicino. Tispjega li ohtha u Alvin Pullicino ghandhom tifla bejniethom li jisimha Zalaya. It-tifla kienet ma Michelle Camilleri u kienet se titlaq mid-dar taghha gewwa Haz-Zabbar biex twassal lit-tifla ghand ommha. Hi rat lil Alvin Pullicino bil-vettura Toyota Corolla bl-ewwel ittri tan-numru ta' registrazzjoni CBI diehel go triq wrong way u waqaf quddiem il-karozza ta' Michelle Camilleri u qalilha li kien hemm ragel li huwa Kurt Buhagiar irid ikellem lit-tifla tieghu Zalaya. Tispjega li Zalaya rat li kien hemm certu Gavin Spagnol fil-karozza ta' Alvin Pullicino fuq wara u Michelle Camilleri kif rat lil Alvin Pullicino jersaq lejn il-vettura taghha, sakret il-bibien u dawret il-karozza biex tiskapulah. Tul it-triq ghal ghand ommha, Michelle bdiet tisma' l-horn u kif intebhet b'Alvin Pullicino, bdiet tersaq bil-vettura taghha sabiex ma jaqbizhiex u jerga' jimblokkalaha t-triq. X'hin waslet fejn it-traffic lights ta' Triq il-Labour, Alvin qabizha u waqaf zewg karozzi quddiemha, nizel mill-karozza u mar fejn il-karozza ta' Michelle Camilleri u beda jghajjat, isabbat u jghati bis-sieq il-karozza ta' Michelle Camilleri. X'hin Alvin Pullicino ghamel hekk, it-tfal fil-karozza ta' Michelle Camilleri bdew jibku u bdew jghidu li se joqtluhom. Ghalhekk Michelle Camilleri saqet fuq in-naha l-ohra tat-triq li tigi wrong side,

qabzet il-lights li kienu homor u daret ghat-triq li taghti ghal Wied il-Ghajn u regghet daret ghat-triq li taghti ghaz-Zejtun. Safrattant, Alvin Pullicino rega' beda jsuq ghal wara Michelle Camilleri izda kif Michelle daret fit-triq li taghti ghad-dar ta' ommha, Alvin Pullicino dar in-naha l-ohra. Michelle Camilleri tikkonferma li fost l-ghajjat ta' Alvin Pullicino, huwa anke beda jinsulentaha izda ma tafx x'qal. Michelle tispjega li l-ewwel darba li waqfet bil-karozza u Alvin Pullicino nizel mill-karozza tieghu, huwa mar lejn in-naha tal-passiggier mentri meta regghu waqfu fejn il-lights, Alvin Pullicino nizel in-naha tax-xufier.

**Alvin Pullicino**, jikkonferma dak li kien qal lil PS 624 u cioe' li kien ra li t-tifla tieghu kienet qeghda fil-karozza ma Michelle Camilleri u hu ghamel sinjal lill-istess Michelle Camilleri sabiex tieqaf u hu jkellem lil bintu. Michelle waqfet il-vettura taghha imma hekk kif Alvin Pullicino dar id-dawra sabiex imur in-naha tal-passiggier fejn kien hemm bintu, u hekk kif wasal fejn il-bieba, Michelle Camilleri sakret il-karozza u saqet ghal fuqu fejn rifsitlu saqajh bir-rota tal-karozza u laqtitlu idejh in-naha tal-lemin. Jispjega li huwa kien mal-kugin tieghu Gabriel u Michelle Camilleri kellha lit-tifla ta' Alvin Pullicino u t-tifel taghha fil-karozza. Jinnega li nsulentaha u jinnega li segwiha.

**Gavin Spagnol**, jghid li hu flimkien ma Alvin Pullicino nizlu Haz-Zabbar u raw it-tifla ta' Alvin Pullcino fil-karozza ma Michelle Camilleri li kienet tal-ghamla Renault Megane. Jispjega li hekk kif Alvin Pullicino nizel mill-vettura tieghu u mar biex ikellem lit-tifla tieghu gewwa l-karozza ta' Michelle Camilleri, din tal-ahhar qabdet u saqet b'konsegwenza li rifsitlu saqajh bir-rota tal-karozza kif ukoll laqtitlu idejh. Alvin Pullicino saq ghal warajha izda meta Michelle Camilleri baqghet hierga minn fuq il-kulur ahmar tad-dawl tat-traffiku, Gavin Spagnol qal lil Alvin Pullicino biex imur jghamel rapport l-Ghassa, u Alvin Pullicino hekk ghamel. Fil-karozza ma Alvin Pullicino u Gavin Spagnol kien hemm ragel jghidulu z-Zendin, izda Gavin Spangol ma jafx x'jismu. Gavin Spagnol jispjega li z-Zendin kien hareg brevament ma Chantelle Camilleri li tigi omm it-tifla ta' Alvin Pullicino. Fil-fatt, Chantelle Camilleri u z-Zendin kienu marru go lukanda u t-tifla ta' Chantelle Camilleri u Alvin Pullicino kienet rieqda fl-istess sodda ma Chantelle u z-Zendin. Iz-Zendin kien ha anke ritratti tat-tifla rieqda fl-istess sodda maghhom sabiex juri dawn ir-ritratti lil Alvin Pullicino u jinfurmah li waqt li Chantelle Camilleri kienet f'relazzjoni maz-Zendin, kienet anke qed tara lil xi hadd minn wara dahru. Gavin Spagnol jinnega li hu, Alvin Pullicino u z-Zendin marru jfittxu lil Chantelle Camilleri bil-karozza izda huma riedu jmorru Haz-Zabbar sabiex jaghmlu kopja tar-ritratti. Alvin Pullicino nizel mill-karozza sabiex isaqsi lit-tifla tieghu jekk kienit taf liz-Zendin u kif uriha ritratt, Michelle Camilleri saqet bil-karozza. Gavin Spagnol jinnega li Alvin Pullicino nizel mill-karozza hekk kif waslu fejn il-lights u beda jsabbat mal-bieba tal-karozza ta' Michelle Camilleri.

**Kurt Buhagiar**, jispjega li fis-27 ta' Frar, 2017 mar jiltaqa' ma Alvin Pullicino u Gavin Spagnol gewwa Birzebbugia, sabiex jghid lil Alvin Pullicino ihalli lil Chantelle Debono li tigi omm it-tifla ta' Alvin Pullicino, bi kwietha ghax kien qed jaqlaghla l-problemi. Meta ltaqa ma Alvin Pullicino, Kurt Buhagiar tah ritratt tieghu ma Chantelle Debono u t-tifla ta' Alvin Pullicino li jisimha Zalaya, kif ukoll it-tifel ta' Chantelle Debono Zayna. Jispjega li dak inhar tas-27 ta' Frar, 2017, huwa kien riekeb fil-karozza ma' Alvin Pullicino u Gavin Spagnol u flimkien nizlu minn Birzebbugia ghal Haz-Zabbar fejn hemmhekk, Alvin Pullicino lemah lil Michelle Camilleri li kellha t-tifla tieghu fil-karozza maghha. Alvin nizel mill-karozza sabiex jiehu lit-tifla tieghu u lil Michelle kien qalilha li Kurt Buhagiar xtaq ikellem lit-tifla mentri fil-verita' Kurt Buhagiar ma xtaqx ikellem lit-tifla ta' Alvin Pullicino. Michelle Camilleri x'hin rat li Alvin Pullicino resaq lejn il-vettura taghha, qabdet u saqet l'hemm. Dak il-hin Alvin Pullicino rega' rikeb il-karozza u saq ghal waraja lejn iz-Zejtun. Kurt Buhagiar jikkonferma li huwa qatt ma kellu relazzjoni ma Chantelle Debono, izda kien habib tal-familja taghha. Jispjega li huwa kien talab in-numru ta' Alvin Pullicino minghand ohtu u meta cempillu xtaq ikelmu sabiex ihalli lil Chantelle Debono bi kwietha. Jghid li Michelle Camilleri ma laqtitux lil Alvin Pullicino meta qabdet u saqet l'hemm, avolja Alvin Pullicino beda jghid li laqtitu. Jispjega li meta Alvin Pullicino mar l-ghassa jghamel ir-rapport, Kurt Buhagiar mar mieghu u sahansitra l-pulizija hadulu d-dettalji, izda Kurt Buhagiar ma tkellem xejn l-Ghassa. Kurt Buhagiar

jikkonferma li meta l-vetturi waqfu fejn il-lights taz-Zejtun, Alvin Pullicino nizel mill-vettura tieghu u mar isabbat il-karozza ta' Michelle Camilleri, kif ukoll beda jidghi u jheddida.
Saret it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti tal-Kaz**

Illi mix-xiehda li ntqalet f'din il-kawza hareg li l-imputat kellu relazzjoni ma' oht il-*parte civile* u minn din ir-relazzjoni kienet twieldet tarbija. Illi l-*parte civile* u cioe' Michelle Camilleri kienet fil-vettura taghha flimkien mat-tifla tal-imputat meta waqafha bil-karozza tieghu meta dahal min-naha tat-triq il-hazina. Illi kif ratu hiereg mill-karozza u gej lejha hija bdiet tinkwieta li kien se jipprova jiehu lin-neputija taghha. Skont il-verzjoni tal-*parte civile* qalet li kien hemm zewg persuni ohra fil-vettura tal-imputat fejn dan tal-ahhar qalilha li ceru Kurt Buhagiar xtaq ikellem lil bintu. Illi minhabba li hija bezghet u dan anki ghal fatt li beda jaghti fuq il-karozza taghha, jghajjat u jidghi, saqet minn fuq il-post u harbet u skont il-verzjoni tal-imputat li kien ta lil Pulizija kienet saqet u ghaddiet minn fuq siequ. Mix-xhieda mghotija ta' Michelle Camilleri kompliet tghid li l-imputat baqa' jsuq warajha tant li ghamel minn kollox biex iwaqqafha milli titlaq tant li anki kellha ssuq meta t-*traffic lights* kienu juri ahmar. Kien ghalhekk li rnexxiela tahrab ghax ma ratux aktar isuq fid-direzzjoni taghha.

Min-naha tal-imputat huwa kien ghamel rapport mal-Pulizija minhabba li Michelle Camilleri kienet ghaddiet minn fuq saqajh u kien ipprezenta certifikat mediku li kien sofra griehi hfif. Huwa nnega li kien segwa l-vettura ta' Michelle Camilleri jew inkella li beda jidghi u jsabbat fuq il-vettura taghha.

Intant ghalkemm xehed ukoll certu Gavin Spagnol dan ikkonferma wkoll il-verzjoni mghotija mill-imputat li Michelle Camilleri kienet ghaddiet minn fuq saqajh meta saqet minn hdejh. Ghalkemm huwa jsemmi li Michelle Camilleri kienet ghaddiet minn fuq l-ahmar meta saqu ghal warajha u kien ghalhekk li marru jaghmlu rapport l-ghassa.

Illi minn dak li qal Kurt Buhagiar li kien ukoll passiggier fil-vettua tal-istess imputat flimkien ma' Gavin Spagnol, ikkonferma li ma kienx ra lil Michelle Camilleri tghaddi minn fuq saqajn l-imputat meta saqet izda kien rah isabbat fuq il-vettura taghha u jidghi.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti hija rinfaccata b'zewg verzjonijiet opposti minn xulxin. Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-persuna tigi ddikjarata hatja, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni. Issir referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni talbon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Ottubru, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et,** fejn gie ritenut li:

> *"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-dsatax ta' Mejju, 1997)*** gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Issa l-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Settembru 2002*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jista jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandha tillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities*' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi bla dubju ta' xejn il-verzjoni mghotija mill-*parte civile* hija aktar verosimili ghal dak li kien gara dakinhar tal-kaz. Illi dan qieghed jinghad kemm ghall-fatt li Kurt Buhagiar jikkonferma li l-imputat beda jidghi u jsabbat fuq il-vettura ta' Michelle Camilleri li ghalhekk ikkorobora dak li kienet qieghda tghid hi. Ghalkemm Gavin Spagnol qal li l-*parte civile* saqet il-vettura taghha u ghaddiet minn fuq saqajh, dan ma qal xejn dwar il-fatt jekk l-imputat beda jidghi u jsabbat fuq il-karozza ta' Michelle Camilleri izda jikkonferma li kien ra lilha ssuq u tghaddi minn fuq l-ahmar. Lanqas ghogbu ma jsemmi kif ra il-vettura tal-*parte* civile tghaddi minn fuq l-ahmar meta fil-verita ghax kienu grew ghal wara Michelle Camilleri. Illi min-naha tal-imputat huwa innega li kien saq ghal warajha jew inkella li beda jidghi u jhedded lil Michelle Camilleri. Illi pero minn dan kollu, ghalkemm hemm verzjonijiet differenti, jidher bic-car li fil-fatt huwa saq ghal warajha ghax skont Gavin Spagnol ra lil *parte civile* tghaddi minn fuq l-ahmar. Waqt li Kurt Buhagiar jikkonferma li fil-fatt l-imputat beda jidghi u jsabbat fuq il-vettura tal-*parte civile*. Illi jkolli minn naha tal-istess *parte civile* qalet li kellha tghaddi minn fuq l-ahmar minhabba li l-imputat beda jsuq ghal warajha ghax bezghet u dan gie koroborat mill-istess Gavin Spagnol. Hija nnegat li kienet ghaddiet minn fuq saqajh biex harbet minn fuq il-post tant li anki l-istess Kurt Buhagiar ikkonferma din il-haga.

**Ikkunsidrat**

1. L-ewwel akkuza

Illi din l-akkuza li hija ta' natura kontravenzjonali tirrigwarda insulti, theddid u ingurji. Illi minn dak li qalet l-istess *parte civile* li l-imputat gie mal-karozza taghha u beda jsabbat fuqha u beda jghid xi kliem. Illi pero' minn dak li hija qalet fix-xiehda taghha li tinsab a fol 28 et seq, qalet li ghalkemm beda jghajjat ma tafx x'qal. Dan ghal fatt li kellha t-twieqi mtellghin kif ukoll li dak il-hin kien hemm it-tfal fil-karozza li bdew jghajtu. Illi ghalhekk fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni dwar sejbien ta' htija kemm ghal fatt li ebda xhud kif ukoll l-istess *parte civile* ma kkonfermaw xi ntqal ezatt u jekk dak l-ghajjat kienx jammonta ghal xi ingurji, theddid jew insulti fil-konfront taghha. Illi ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra li ma sibx hati lill-imputat ta' din l-akkuza.

2. Dagha fil-Pubbliku

Illi mill-istess xiehda tal-*parte civile* ghalkemm qalet li ma setghetx tisma x'kien qieghed jghid pero fehmet li l-imputat beda jidghi meta kien qieghed hdejn il-vettura taghha. Illi dan il-fatt huwa kkonfermat ukoll minn dak li qal l-istess Kurt Buhagiar li semma li fil-fatt l-imputat beda jidghi meta kien fil-vicinanzi tal-vettura tal-*parte civile*. Illi ghalhekk fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi qieghda ssib hati lill-imputat.

3. L-akkuza taht l-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi din l-akkuza kienet giet trattat diversi drabi mill-Qrati taghna. Illi sejra ssir referenza ghal kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 t'April 2009. Illi f'dan il-kaz dahlet fil-kwistjoni ta' dak li hemm fl-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn qalet hekk:

> *"Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk:*
>
> *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."*
>
> *L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk:*
>
> *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" (sottolinear ta' din il-Qorti).*
>
> *Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi ragunu – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra".*
>
> *Fi kliem l-edituri ta'* ***Blackstone's Criminal Practice, 2008****:*
>
> ***"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"***
>
> *Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1).*

*Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi. Ghalhekk l-appellant ser jigi liberat millimputazzjoni li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9.*

Illi mill-ezami tal-provi, jidher li dan l-incident sehh fil-gurnata partikolari tas-27 ta' Frar 2017 u qatt ma tresqet prova ohra li kien hemm cirkosatanzi ohrajn. Illi mill-bran ta' din is-sentenza juri b'mod car li sabiex tinstab htija hemm in-necessita li jkun hemm dak li gie msejjah bhala *a course of conduct* u mhux ta' okkazzjoni wahda. Illi ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tillibera lill-imputat minn tali akkuza.

4. Akkuza fuq sewqan b'manjiera traskuratam perikoluza jew bla kont

Illi skont ix-xiehda li tat l-istess *parte civile* qalet li waqt li hija kienet gewwa Triq ix-Xghajra, l-imputat dahal *wrong way* bil-vettura tieghu u resaq quddiem il-karozza taghha u ghalhekk kellha tieqaf. Illi meta harbet minn fuq il-post, l-imputat baqa' jsuq warajha u jipprova jaqbizha meta kienet fit-triq tal-Knisja. Illi kif waslet hdejn it-Traffic Lights fi Triq il-Labour, kellha tieqaf minhabba li kien ahmar, fejn l-imputat waqaf quddiem karozza u hareg minn gewwa fiha. Kienet hi li kellha tghaddi minn triq ohra u ghaddiet minn fuq l-ahmar biex tahrab minnhu.

Illi din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell deciza nhar is-6 ta' Mejju 1997 fejn spjegat id-differenza ta' sewqan traskurat, sewqan bla kont u sewqan perikoluz. Illi f'din is-sentenza qalet hekk:

"***Sewqan traskurat*** *(negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.* ***Sewqan bla kont*** *hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira;. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.* ***Sewqan perikoluz*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-propjeta' taghhom. Biex wiehed jiddecidi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-prezenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht it-tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan. Ghal finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara* ***The Police vs Charlotte Chamberlain, Appell Kriminali, 21/5/1996)"***

Illi dwar il-provi tas-sewqan tal-imputat huwa dak li qalet l-istess *parte civile*. Illi fil-fatt l-imputat kien dahal fit-triq kontra s-sinjali tat-traffiku meta kienet gewwa Triq ix-Xghajra u giet f'posizzjoni li ma setghetx issuq minhabba f'hekk. Illi kompliet tghid li meta telqet minn fuq il-posta dan baqa' jsuq ghal warajha u prova jaqbizha kemm-il darba meta kienet fit-triq tal-Knisja. Kien meta waslet hdejn il-lights tat-traffiku gewwa Haz Zabbar fi triq il-Labour li l-imputat waqqaf il-karozza tieghu quddiem taghha fejn hija stess kellha taghmel manuvra halli tahrab minn fuq il-post. Illi minn dak li qalet l-istess *parte civile*,

jidher b'mod car li l-imputat bil-manuvri li beda jaghmel fit-triq sabiex isuq warajha u jipprova jigi quddiemha. Tant li ghalkemm kien hemm il-lights mixghula u juru li ma jistghux isuqu vettura, l-imputat waqqaf il-vettura u halliha f'nofs tat-triq sabiex jersaq lejn il-*parte civile*. Illi dan is-sewqan jammonta ghal sewqan bla kont minn naha tal-imputat. Illi ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex ghazla ohra li ssib lill-imputat hati ta' din l-akkuza.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikolu 339(1)(e), 338(bb), 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 15(1)(a) u (2), 15 (4) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Alvin Pullicino** hati tat-tieni u tar-raba akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u tilliberah mill-ewwel u mit-tielet akkuza u tikkundannah ghal piena ta' multa ta' hames mitt Euro (€500).

Kif ukoll in vista tas-sejbien ta' htija fir-rigward ta' sewqan bla kont tordna is-sospensjoni tal-licenza tas-sewqan ghal zmien tlett xhur.

In oltre b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tpoggi lill-imputat taht obbligazzjoni personali ghal zmien ghal zmien tnax (12)–il xahar millum taht penali ta' hames mitt Ewro (€500) milli jimmolesta u jivvessa lil Michelle Camilleri.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**